2 ta' April 2018
42/2018

# ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' ĦAL TARXIEN

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Christopher Ellul bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien.

Dun Christopher Ellul twieled fl-14 ta' Ġunju 1988. Irċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola Ġużeppi Agius, Raħal Ġdid, l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fl-iskola St Michael, Santa Venera, u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, l-Imsida. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta, fejn kiseb ukoll il-liċenzjat fit-Teoloġija. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 2015.

Dun Christopher serva bħala Viċi Arċipriet fil-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi.

Il-Parroċċa ta' Ħal Tarxien tiġbor fiha madwar 9,000 persuna f'2,800 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**